

# il-hajja ta' kristu gesu'

**6**

## IT-TWELID TA' GESU'

**Luqa 2:1-39**

Fit-toroq ta' Nazaret, in-nies kienu imdawrin qaqocca jitkellmu mqanqla. Waslitilhom il-bxara li l-kbir imperatur ta' Ruma amar li kull bniedem kellu jmur fil-belt jew rahal twieldu biex jinkitbu. L-imperatur ried li jkun jaf kemm kellu nies fl-imperu tieghu. U hadd ma kien ser jazzarda jmur kontra l-amar tieghu.



Ma damx wisq li hafna vjaggaturi dehru jmorru f'kull direzzjoni, ghax l-ordni ta' l-imperatur kienet inqrat f'kull belt u rahal tal-pajjiz. Guzeppi u Marija li kienu minn Betlem, il-belt ta' David, inghaqdu ma' gemgha nies li kienet sejra dawk in-nahat biex huma wkoll jinkitbu skond l-amar ta' Cesri Awgustu.

It-trieq lejn in nofs in-nhar kienet tghaddi mis-Samarija, imbaghad fuq l-gholjiet ta’ Guda ghal Gerusalemm. Minn Gerusalemm Guzeppi u Marija terrqu lejn f’Betlem. Xi uhud mill-gemgha baqghu f’ibliet ohra, fil-waqt li ohrajn inghaqdu maghhom.

Meta waslu gewwa Betlem, Guzeppi u Marija sabuha mimlija daqs bajda bin-nies li kienu gew hemm huma wkoll biex jinkitbu fic-censiment. Il-lukandi kienu mimlija bin-nies tant li Guzeppi u Marija ma sabux post fejn jistkennu. Il-vjagg minn Nazaret kien iebes hafna u Marija xtaqet isib post fejn tistrieh. Imma Guzeppi ma seta’ jsib imkien hlief l-istalla ta’ lukanda. U baqghu gewwa Betlem sakemm inkitbu.

Meta kienet hemm Marija wildet lil Gesu’ u fisqietu fi ftit hrieqi u poggietu f’maxtura minn fejn kienu jieklu l-annimali ghax ma kienx hemm post ahjar ghalihom.

In-nies ta’ Betlem ma kienux jafu li l-angli tal-Mulej kienu qed jharsu lejhom f’dak il-lejl qaddis. Ma semghux l-ghana ta’ l-angli meta twieled Gesu’. Anqas ma raw il-ferh ta’ Marija u Guzeppi hekk kif mielu biex jaraw lil binhom mindud f’maxtura.



Dak kien l-akbar rigal ta’ Alla lil bniedem imma n-nies ma ndunawx bih ghax qatt ma basru li s-Salvatur kellu jitwieled minn persuna tant umli, Marija.

Imma fil-qrib kien hemm ir-rghajja jirghaw il-merhliet taghhom fl-ghelieqi li forsi s-sultan David, ir-rghaj re, snin qabel hafna, kien ukoll jirgha’ n-nghag fl-istess ghelieqi.

Setghu kienu qed jitkellmu fuq il-weghdiet li Alla kien ghamel mal-poplu tieghu, meta l-anglu tal-Mulej dehrilhom biex jaghtihom l-ahbar tat-twelid tal-Messija. Dawl kbir idda quddiemhom f’nofs id-dalma tal-lejl. Imwerwrin bil-biza’ harsu lejn l-anglu u thassbu ghalfejn kien gie quddiemhom.

Izda hu qalilhom: “ Tibzghux, ghax jien gibtilkom ahbar sabiha u ta’ ferh. Ghaliex il-lum twieled ghalikom u ghal poplu kollu, fil-belt ta’ David, is-Salvatur, li hu Kristu l-Mulej. Ghandkom issibu lit-tarbija imgezwra fil hriequ u minduda f’maxtura.”

Kemm kien sabih il-messagg! Ir-rghajja semghu attenti l-kelmiet ta’ l-anglu u meta spicca jkellimhom huma raw qtajjiet ohra ta’ angli jinghaqdu mieghu u flimkien ikantaw. Id-dinja qatt ma semghet kant helu bhal dak ghaliex l-angli kienu qed ifahhru lil Alla bil-kant taghhom u jaghtuh glorja.

Hekk bdew jghidu u jkantaw: “Glorja lil Alla fil-gholi tas-smewwiet u paci fl-art lil bnedmin ta’ rieda tajba.”

Meta il-kant intemm, l-angi telghu fis-smewwiet u d-dija tad-dawl intfiet fix-xejn. Mill-gdid rega’ waqghet id-dalma ta’ lejl u kwiet fuq dawk l-inhawi.  Imma r-rghajja ma setghu qatt jinsew il-ferh li dak il-kant zera’ f’qalbhom.

Ma qaghdux jistennew sakemm sebah biex imorru jfittxu l-Messija mwieled imma qalu wiehed lil iehor, hekk kif ghebu l-angli, “ Ejjew imorru f’Betlem u naraw dak li habbrilna l-Mulej.”

Qaflu l-imriehel taghhom u ghagglu lejn Betlem u hemm sabu, kif kien qallhom l-anglu tal-Mulej, lil Guzeppi u lil Marija flimkien mat-tarbija Gesu’, mgezwer fi ftit hrieqi, u mqieghed go maxtura.

Ir-rghajja qalu lil Marija u lil Guzeppi b’dak kollu li kienu raw u semghu u mielu quddiem it-tarbija Gesu’ li kien rieqed fil-maxtura, biex jadurawh.

Huma grew fit-toroq ta’ Betlem u xandru dak kollu li kienu raw u semghu. Ma’ kull min kienu jiltaqghu, kienu jirrakontawlu it-twelid tal-Messija li twieled gewwa stalla f’Betlem. U kull min semaghhom baqa’ mistaghgeb  b’dak li kienu jghidu r-rghajja.

## RIFLESSJONI

BHAR-RGHAJJA LI SSIEHBU FIT-TWELID TA’ GESU’,  EJJEW NISSIEHBU AHNA WKOLL FL-ISPIRTU TA’ GESU’ KRISTU U NITOLBUHULU BIEX INISSLU FINA, GHAX HADD MA JISTA’ JKUN TA’ KRISTU JEKK MA JKOLLUX FIH L-ISPIRTU TA’ KRISTU.